MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 291/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nadia Lanzon)**

**Vs**
Rita Zammit

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli gewwa B'Bugia fil-25 t'Ottubru, 2002 ghall-habta tal-5.05 ta' filghaxija:**

**1) ikkommettiet serq ta' BOV cashlink card ghad-dannu tal-Bank of Valletta kif ukoll ikkommettiet serq ta' ammont ta' flus li jeccedi l-mitt Lira Maltin izda ma jeccedix l-elf Lira Maltin, liema ammont huwa ta' mitt Lira Maltin (Lm100) mill-ATM tal-BOV Branch gewwa Triq Pretty Bay, Birzebbugia ghad-dannu ta' Maria Anna Farrugia, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur,**

**bil-persuna u bil-lok bi ksur tal-Artikoli 267; 268(b), u 269(g);**

**2) fl-istess data, hin u li b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' l-ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta' Lm100 bi hsara ta' Maria Anna Farrugia, bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Dicembru, 2004, li biha l-Qorti ddecidiet il-kawza billi ma sabitx l-imputata hatja w illiberata minn kull htija w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 ta' Dicembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellata f'dawn l-akkuzi u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti erronjament cahdet talba ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni minn-naha tal-Prosekuzzjoni meta tali korrezzjoni setghet legalment issir fl-istadju ta' meta saret u ladarba l-Ewwel Qorti ma kienetx ghada ppronunzjat is-sentenza, ma setghetx legalment tichad it-talba. Hu ccita in sostenn tat-tezi tieghu is-sentenza ta' din il-Qorti** "Il-Pulizija vs. Helga D' Alessandro" **[26.8.1998] L-Avukat Generali jzid jghid fir-rikors tieghu li l-aggravju jikber fil-portata tieghu ghas-semplici raguni li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet testwalment :** ***"Illi dawn il-provi cirkostanzjali abbinati mall-imputazzjonijiet kien ikollhom il-piz taghhom u din il-Qorti kienet ukoll tasal biex issib reita' fl-imputata jekk mhux ghall-fattur tad-data li fih allegatamnt gie kommess ir-reat".*** **Ghalhekk**

**l-Ewwel Qorti ghalkemm kienet moralment konvinta mill-htija tal-imputata , erronjament illiberatha minnhabba dak li deherilha li kien zball procedurali , meta ma kien hemm xejn minn dan kollu.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-imputata appellata prezentata mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni tal-10 ta' Marzu, 2005, li bih iddikjarat li l-artikolu 413 (1) (A) ma japplikax ghall-kaz u li bih irrinunzjat ghal dan l-artikolu u ghall-artikolu 413 (1) (b) (vi), izda jzommu ferm ghab-bazi tal-izball ta' procedura w ta' enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi.

**Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Nadia Lanzon;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat illi ghalkemm il-Qorti tat-il-fakolta lill-Prosekuzzjoni li tipprezenta nota ta' riferenzi bil-kopji tal-istess riferenzi sa l-1 t' April, 2005, bil-visto tal-kontro-parti u lid-difiza sat-8 t' April, 2005 , jekk ikun il-kaz, ebda nota ma giet prezentata.**

**Ikkonsidrat :**

**Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell fil-qosor huma s-segwenti. L-appellata giet imressqa b' citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti w akkuzata talli fil-**25 t' Ottubru, 2002 **ikkommettiet serq ta' BOV Cashlink kif ukoll serq ta' mitt lira ghad-dannu ta' Maria Anna Farrugia. (fol. 1) . Meta xehdet fl-ewwel seduta, l-ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nadia Lanzon (fol. 9) xehdet li kien dahallha rapport fil-31 t' Awwissu 2002, li fil-25 t'** Awwissu**, 2002 xi persuna mhux maghrufa kienet gibdet flus mill-kont ta' Marianne Farrugia mill-ATM tal-Bank of Valletta f' Birzebbugia, permezz tal-*credit card* li ntuzat minghajr l-awtorita' taghha. Komplew jingabru l-provi tul il-kors ta' diversi seduti w kemm ix-xhieda okulari kif ukoll id-dokumenti kollha jirriferu ghall-reat li allegatament gie kommess fil-25 t' Awwissu, 2002.**

**Fid-19 ta' Mejju, 2003, (fol. 36) il-prosekuzzjoni tablet li zzid akkuza mall-akkuzi ezistenti fis-sens li** *"fl-istess data", **hin u lok , b' mezzi kontra l-ligi …ghamlet qliegh ta' LM100 bi hsara ta' Maria Anna Farrugia bi ksur tal-artikolu 308 u 309 tal-Kap.9"*** **. Anki hawn ma giex nutat mill-Prosekuzzjoni li d-data fic-citazzjoni kienet zbaljata minkejja li kienet qed tintalab iz-zieda fuq ic-citazzjoni. Id-difiza tat ruha notifikata b' din iz-zieda.**

**Biex jkompli jitghatta l-izball meta xehed Carmelo Farrugia fit-22 ta' Lulju, 2003 , ix-xhieda dettata mill-Qorti fil-prezenza tax-xhud issemmi rapport tal-25 t' Ottubru, 2002 (fol. 47).**

Wara diversi differimenti li fihom ma sar xejn fis-7 t' Ottubru, 2004, xehdet l-appellata u l-kawza giet trattata w differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Novembru, 2004. (fol. 55). Dak in-nhar il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza w ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-7 ta' Dicembru, 2004.

**Gara pero' li fl-1 ta' Dicembru, 2004 (fol. 60) il-Kummissarju tal-Pulizija talab li ssir korrezzjoni fl-akkuza w minnflok fil-25 t' Ottubru, 2002, id-data tigi taqra 25 t' Awwissu, 2002. Il-Qorti b'Digriet taghha tal-ghada 2 ta' Dicembru, 2004, cahdet it-talba billi l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza (fol.61). Di fatti fis-7 ta' Dicembru, 2004 inghatat is-sentenza appellata.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif issa jidher mill-verbal tieghu tal-10 ta' Marzu, 2005, l-Avukat Generali qed jappella ghaliex skondu l-Ewwel Qorti "*ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u " zball procedurali"*, u dan ghaliex, kif implikat fil-verbal imsemmi, is-subincizi tal-artikolu 413 minnu citati fir-rikors tal-appell huma inapplikabbli ghall-kaz odjern. Minkejja li kliem u frazijiet simili "ut sic" ma jinstabux fl-artikolu 413 tal-Kodici Kriminali anki kif recentement emendat , din il-Qorti , fl-assenza ta' xi**

**riferenza ghal xi sub-artikolu jew sub-inciz jew sub-sub inciz tal-art. 413, tista' biss tifhem li l-Avukat Generali qed jakkampa l-appell tieghu taht l-art. 413(1)(b)(iv)(i); anki ghaliex , kif gie ritenut fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Mario Joseph Bonello" **[11.11.1994] , "il-gurisprudenza ormaj kopjuza ta' din il-Qorti rrikonoxxiet dan id-dritt ta' appell tal-Avukat Generali meta l-"*error juris*" ikun jirrizulta mill-atti u kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo **"*An appeal will also lie - under this provision aforequoted (413 (1)(b)(iv(i) ) - if the Magistrate after hearing and weighing the evidence has ,in applying the law to the fact as proved made a wrong interpretation of the law."* (Notes on Criminal Procedure - 1957 p.52) (ara ukoll Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Andre' Carbonaro**"[24.10.2002].**

**Ikkonsidrat ;**

Illi minkejja li l-lanjanza principali tal-Prosekuzzjoni f' dan l-appell hija li l-Ewwel Qorti ma laqghetx it-talba ghall-korrezzjoni fuq imsemmija bid-Digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2004 , it-talba fir-rikors tal-appell mhix ghar-revoka ta' dan id-digriet interlokutorju imma ghar-revoka tas-sentenza nnifisha biss, meta wiehed kien jistenna li ritwalment, se mai, tintalab ir-revoka kemm tad-digriet kif ukoll tas-sentenza appellata. Illi ma hemmx dubju li sakemm ma ntlaqghetx it-talba ghall-korrezzjoni fid-data tal-kommissjoni tal-allegat reat , l-Ewwel Qorti fuq il-provi kollha li kellha qatt ma setghet issib htija dwar kommissjoni ta' reat f' data ta' xaharejn wara meta rrizulta li r-reat gie kommess . Ghalhekk multo magis kellha tintalab ir-revoka tad-digriet preordinatament ghar-revoka tas-sentenza appellata. Dan pero' ma sarx u konsegwentement jirrendi l-appell irritu w null.

Ghal kull buon fini pero' jigi osservat bhala linea ta' gwida li l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma laqghetx it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni f' cirkostanza tant materjali w sostanzjali bhal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat , wara li mhux biss kienu gew konkjuzi l-provi tal-prosekuzzjoni , imma sahansitra kienet xehdet l-appellata

u ghalqet il-provi taghha w saret it-trattazzjoni mid-difiza w sahansitra l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza. Meta l-appellata ddecidiet li toffri x-xhieda taghha, hija kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe' serje ta' provi li kollha jindikaw li l-allegat reat kien gara xaharejn qabel id-data indikata , sia pure erronjament mill-prosekuzzjoni, fl-akkuza. Ghalhekk meta ppreparat id-difiza taghha kellha kull dritt tistenna li ma jiccaqalqux il-lasti w l-parametri tal-akkuza minn dawk li kienu sa mill-bidu nett tal-kawza . Altrimenti , kieku jigu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkuzat u d-difiza tkun ghalqet il-kaz taghha , dan ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu tal-persuna akkuzata w tali agir , apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq , ikun qed ikun ingust mad-difiza w mall-akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli.

**Illi umbaghad ir-riferenza li saret fir-rikors tal-appell ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presduta fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs. Helga D' Alessandro**" fuq imsemmija xejn ma tghin biex tigi rizoluta l-kwistjoni nvestita f' dan l-appell. Dan ghaliex kemm il-fattispecji kif ukoll il-punti ta' dritt involuti kienu differenti. Di fatti f' dik il-kawza l-Avukat Generali kien appella b' success minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li lliberat minn akkuza ta' ingurja minghajr ma semghet provi w semplicement ghax fic-citazzjoni ma kienx hemm data li turi meta gie kommess l-allegat reat. Qalet ukoll *obiter* li, jekk tintalab xi korrezzjoni fl-akkuza, din ghandha ssir** <u>"preferibbilment fil-bidu nett"</u> **tal-kawza. Imma f' dak il-kaz la kienet saret xi talba ghall-korrezzjoni u lanqas ma giet michuda xi talba simili mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti kienet ippronunzjat ruha dwar x' suppost tkun tikkontjeni c-citazzjoni skond l-artikolu 360(2) fi proceduri sommarji migjuba quddiem il-Qrati tal-Magistrati skond l-artikolu 370 (1) u dwar x' jigri jekk ikun hemm xi partikolarita' nieqsa. Imma f' dan il-kaz ma kien hemm ebda partikolarita' nieqsa imma wahda – dik taz-zmien - manifestment zbaljata b' xaharejn li f' process li dam ghaddej aktar minn sentejn , intalbet**

**biss korrezzjoni taghha fl-ahhar mument meta l-kawza kienet differita ghas-sentenza w wara li xehdet l-appellata w ghalqet il-provi w d-difiza taghha w meta kienu maghrufa mill-bidu nett il-partikolaritajiet kollha** ta' zmien **u ta' lok lill-ufficjal prosekutur.**

**Ghalhekk apparti li l-appellant Avukat Generali kien ritwalment skorrett meta ma talabx ir-revoka tad-digriet tat-2 ta' Dicembru, 2004, pre-ordinatament ghar-revoka tas-sentenza appellata, fis-sustanza l-appell hu infondat u kien jigi respint anki ghax id-digriet ta' l-Ewwel Qorti kien legalment korrett fic-cirkostanzi.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------